MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 302/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Malcolm Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Malcolm Mifsud talli:

(1) Nhar is-27 ta’ Gunju 2002, ghall-habta tal-11.30 p.m., gewwa l-Bajja ta’ Dragunara San Giljan, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta’ omissis ta’ 14 il-sena mill-Isvezja;

(2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkorrompa lill-istess omissis ta’ 14 il-sena mill-Isvezja, li hija persuna taht l-eta`.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghall-protezzjoni ta’ l-imsemmija omissis u tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Malcolm Mifsud hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 198, 201(b), 203(1), 206, 31, 37, 42, 43, 45, 46 u 47 tal-Kap. 9, ikkundannatu erba’ snin prigunerija;
Rat ir-rikors ta’ appell ta' Malcolm Mifsudipprezentat fit-3 ta’ Novembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata fejn ikkundannatu ghal erba’ snin prigunerija u tilliberah u, fin-nuqqas ta’ dan, tbiddel is-sentenza appellata ghal wahda li ghandha tinzel fil-minimu taghha u bit-tnaqqis ta’ zewg gradi bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant kif rizultanti mir-rikors ta’ appell huma s-segwenti:

*“1. Illi a tenur ta’ l-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali ma kienx hemm element prezenti ta’ vjolenza u ghaldaqstant ma sarx l-istupru, la darba l-appellant m’ghamilx vjolenza u kien qed jemmen li kellu l-kunsens ta’ omissis;*

*2. Illi ma kien hemm l-ebda vjolenza fizika jew morali minn naha ta’ l-appellant u ghalhekk la darba din hija nieqsa m’hemmx ir-reat ta’ stupru. Il-fatt li l-Qorti fis-sentenza taghha setghet hadet in konsiderazzjoni l-imgieba tal-ko-akkuzati li setghu huma attribwew ghal vjolenza, m’ghandhiex tattribwixxi lill-appellant li huwa ppartecipa f’tali vjolenza;*

*3. Il-Qorti ma haditx in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li omissis ghalkemm fl-eta` ta’ 14-il sena (l-appellant u l-*

*istess David Sciberras li hu l-boyfriend taghha minghalihom ghandha 16-il sena) diga` kellha esperjenzi sesswali qabel l-allegat kaz, u dan fil-konfront u minghajr pregudizzju ghall-aggravju diga` ndikati meta kkonsidrat il-piena fil-konfront ta’ l-appellant meta fl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali fil-konfront ta’ l-appellant ma naqsitx il-piena applikabbli b’zewg gradi;*

*4. Illi ma kienx hemm cirkostanzi aggravanti fir-reat imputabbli fil-konfront ta’ l-appellant u ghalhekk il-Qorti kellha tiehu dan ukoll in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena, li ma haditx;*

*5. Li l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 37 u l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali, minghajr l-aggravanti fir-reat ta’ stupru l-Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni sew il-fatt li l-appellant lanqas biss kellu l-eta` ta’ 18-il sena imma kien ghad ghandu 17-il sena u ghalhekk kellha tapplika piena ta’ prigunerija ferm inqas minn dik ta’ 4 snin.”*

L-aggravji principali ta’ l-appellant jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi peress illi huwa jsostni li ma ntuzatx vjolenza fuq l-allegata vittma, li l-istess allegata vittma diga` kellha esperjenzi sesswali, u li l-ewwel Qorti strahet fuq x’qalu l-ko-imputati l-ohra dwaru.

L-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **“Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta’ pregudizzju ghal ebda persuna ohra.”** Konsegwentement, x’setghu qalu l-ko-imputati Clifton Caruana u William Caruana fl-istqarrijiet rispettivi taghhom lill-Pulizija ma jistax ikun ta’ pregudizzju ghall-appellant Malcolm Mifsud. Din il-Qorti sejra ghalhekk tezamina dawk il-provi li huma rilevanti ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant Malcolm Mifsud.

**Fl-istqarrija tieghu l-appellant** jghid li kien ma’ Clifton Caruana u William Caruana l-Bamboo u kien hemm tfajla ma’ habib iehor taghhom u poggew hdejha. L-appellant jghid li offra drink, li kienet naqra xurbana u li bdew

ikellmuha biex jaghmlu hbieb maghha. Din it-tfajla kienet strangiera. Qal li kien hemm certu wiehed David u hareg maghha u mar fejn il-bajja tal-blat wara l-Hilton. Qal li hu flimkien ma' William u Clifton nizlu warajhom u rawha kwazi bla hwejjeg u David "jew beda jaghmel maghha jew ibaghbasha". L-appellant imbaghad ikompli jghid: "Jiena dhalt fuqhom u kif rani David gholla idu ghal fuqi u jiena lqajthielu. It-tfajla kienet mimduda ma' l-art u jiena qbaddtilha sidirha u nizzilt il-qalziet u kelli x'naqsam maghha." Qal ukoll li wiehed mill-ko-imputati l-ohra, x'aktarx Clifton, zammha minn spallitha sakemm lesta. Wara telqu 'l hemm bil-mixi u fil-bidu tad-dahla raw lil David. Kompla jghid li meta dahal flok David, it-tfajla baqghet ma' l-art u kompliet mieghu u kif lesta libset u kienet ser taqbad timxi u kienet ser taqa' u ghenha. Fuq mistoqsija jekk hux minnu li kif lesta huwa qal lil shabu "Qed tara kif mort maghha?" wiegeb fl-affermattiv. Qal ukoll li t-tfajla kienet qaltlu li ghandha sittax-il sena u sar jaf wara li kellha 14.

Omissis xehdet li hija ghandha 14-il sena. Fil-gurnata in kwistjoni kienet mal-*boyfriend* taghha (David Sciberras) hdejn il-bahar meta gew it-tliet ko-imputati li mbuttaw lill-*boyfriend* taghha, tnejn minnhom zammewha minn spallejha u l-iehor rikeb fuqha u kellu x'jaqsam maghha. Hija kienet qed twerzaq. Ma kinitx certa liema mill-imputati kien li kellu x'jaqsam maghha izda kien jew Malcolm Mifsud jew William Caruana. Pero` kienet taghraf lill-appellant bhala dak li ggieled mal-*boyfriend* taghha. Mal-*boyfriend* kien diga` kellha relazzjonijiet sesswali bil-volonta` taghha u dakinhar, qabel l-incident, kienu qeghdin jitbewsu u kellha l-qalziet mahlul. Kien il-guvni li stupraha li nizzilulha.

**Dr. Mario Scerri** xehed li kien inkarigat mill-Magistrat Inkwerenti bhala espert forensiku biex jezamina lil omissis. Huwa mar l-Isptar biex jezaminaha fit-28 ta' Gunju izda hija ma tatx il-kunsens taghha. Sussegwentement l-Ispettur Mario Tonna nfurmah li kien hemm ordni gdida mill-Qorti tal-Magistrati biex jezamina lill-imsemmija omissis u fil-fatt ezaminaha fit-30 ta' Gunju. Huwa sabilha xi tbengil fuq ghonqha kompatibbli ma' *love*

*bites* li kienu saru xi jiem qabel l-incident in kwistjoni kif ukoll abrazjoni fuq in-naha ta' fuq ta' l-id ix-xellugija li wkoll ma kinitx relatata ma' l-incident. Pero` kellha tbengil fuq il-*gluteus maximus* tal-lemin kompatibbli mad-data ta' l-incident u li huwa ddeskriva bhala *grip marks*. Fil-parti taghha ma kienx hemm irritazzjonijiet, hmura, lacerazzjoni jew lezjonijiet ohra. Il-*hymen* kienet elastika hafna u kwazi intatta ghajr ticrita antika zghira hafna u mhux kompleta. Meta l-*hymen* tkun elastika bhal f'dan il-kaz, il-persuna jista' jkollha relazzjoni sesswali kompleta minghajr ma ticcarrat il-*hymen*. Ma kienx hemm evidenza ta' penetrazzjoni aggressiva u jekk hija bdiet tipprova tinheles u kien hemm xi hadd qed izommha minn spallejha kien isib xi tbengil izda kull ma sab kienu l-*grip marks*.

**W.P.C. 185 Vanessa Xuereb** xehdet illi hija skortat lil omissis l-Isptar fejn qaghdu jistennew lill-espert tal-Qorti. Sadattant omissis raqdet ghax qalet li kienet xorbot u kienet ghajjiena. Meta wasal l-espert u qalulha li kienu ser isiru xi testijiet, hija rrifjutat ghax ma kinitx qed thossha "safe", ma kienx hemm il-*boyfriend* taghha hdejha u riedet tigi ezaminata minn mara tabib u mhux ragel, iffirmat dikjarazzjoni u regghu haduha l-ghassa. Meta sabuha fuq il-post, kienet agitata, il-hin kollu tibki u tghajjat lill-*boyfriend* biex joqghod hdejha. Hwejjigha kienu mahmugin, kellha l-qalziet minn wara u l-flokk, u kellha xi hamrija mal-qalza. Hwejjeg imqattghin ma kellhiex. Lix-xhud qaltilha li kienet ma' l-gharus taghha, f'daqqa wahda qabez guvni fuqha, lill-gharus taghha tah daqqa ta' ponn u f'daqqa wahda gew tnejn ohra bdew izommuha minn idejha u l-iehor irrejpjaha.

**David Sciberras** xehed illi fil-gurnata in kwistjoni kien ma' omissis hdejn il-bahar kienu qeghdin jitbewsu meta tfacca l-appellant li qabez fuq omissis u beda jmissilha sidirha. Hija bdiet tghidlu biex iqum minn fuqha u x-xhud ipprova jqajmu izda dan qam, heddu u mbuttah ma' l-art. Dak il-mument, qal ix-xhud, iddecieda li l-ahjar haga li seta' jaghmel kien li jmur ghall-Pulizija. Dak il-hin ma rax lill-ko-imputati l-ohra. Rahom jitilqu flimkien wara li kien cempel lill-Pulizija. Qabel l-incident, hu u omissis kienu qeghdin jixorbu izda ma kinux fis-sakra. Meta l-appellant qabez

fuqha, bdiet tghidlu “No, no get off me” u ticcaqlaq minn naha ghall-ohra. Mistoqsi kif kienet l-art li kienu fuqha, qal li kienet bil-gebel, daqsxejn haxix u kien hemm xi sigar. Mistoqsi l-art kinitx “rough”, wiegeb fl-affermattiv “with stones”. Qal li meta l-appellant mar fuq omissis hija ma werzqitx izda bdiet tghidlu biex iqum minn fuqha. Lill-Pulizija cemplilhom minn *phone box* hdejn il-bajja. Meta waslu l-Pulizija rikeb maghhom biex imorru Bamboo jfittxu lit-tliet zghazagh imbaghad marru ghat-tfajla li kienet ma’ xi nies li qalu li kienu sabuha. Qal li kellha xi demm fuq idejha.

**P.S. 1113 Emanuel Aquilina** xehed illi fis-27 ta’ Gunju 2002 gie nfurmat b’telefonata li sehh “rape” fejn il-bajja ta’ Westin Dragonara Beach. Hu u l-kollega tieghu marru fuq il-post fejn, hdejn La Maltija Restaurant, sabu lil David Sciberras li talabhom l-ghajnuna ghax it-tfajla tieghu kienet giet attakkata sesswalment. Sciberras indikalhom fejn kien mat-tfajla, fittxewha u sabuha ma’ certu Joseph Azzopardi li kien qieghed jassistiha ghax kienet tidher imbikkma. Haduha l-ghassa minn fejn ittiehdet l-Isptar bl-ambulanza. Huwa kellem lil David Sciberras li qallu li wiehed mit-tliet guvintur involuti kien Malcolm Mifsud.

**Joseph Azzopardi** xehed illi fil-gurnata in kwistjoni kien niezel hdejn il-bahar wara l-Hilton meta ra tfajla tibki u tghajjat hierga ‘l barra. Mar fuqha biex jara xi gralha u bdiet tibki, saqsiha x’ghandha u qalet li kellha idejha bid-demm. Ix-xhud qal li poggiha bilqieghda fuq blata biex jahslilha idejha fil-bahar u qaghad ipacpac maghha ghax baqghet tibki u twerzaq u tghajjat lil David li, sa dak il-hin, ma kienx jaf min kien. Huwa haseb li kienet waqghet ghax ma qaltlux x’kien gralha. Dam maghha xi ghoxrin minuta sakemm gew il-Pulizija. Lanqas meta kkalmat ma qaltlu x’kien garalha. Mal-Pulizija kien hemm David li rrakkonta x’kien gara u ma garax. It-tfajla kienet imlibbsa normali. Dehret li kienet fis-sakra u saqsiha kinitx xorbot u hija qaltlu li kienet xorbot tequila u vodka. Huwa xamm riha ta’ xorb fuqha.

Minn dawn il-provi, din il-Qorti hija sodisfatta – bhalma kienet l-ewwel Qorti – illi l-appellant kellu relazzjoni

sesswali ma’ omissis minghajr il-kunsens taghha. Li sehhet dik ir-relazzjoni jirrizulta mill-ammissjoni stess ta’ l-appellant. Imbaghad li dan sehh kontra l-volonta` ta’ omissis jirrizulta mix-xiehda taghha stess fejn tghid li ppruvat tirrespingi lill-aggressur taghha, mix-xiehda ta’ David Sciberras li xehed dwar kif bdiet tghid lill-appellant “No, no, get off me” jew “go away”, mix-xiehda ta’ Joseph Azzopardi li taha l-ewwel ghajnuna u sabha tibki u twerzaq u anke mix-xiehda tal-Pulizija dwar l-istat li fiha sabu lill-istess omissis. Huwa veru illi jirrizultaw xi inkonsistenzi bhal per ezempju meta David Sciberras jghid illi meta waslu l-Pulizija, l-ewwel marru jfittxu lill-guvintur in kwistjoni l-Bamboo qabel ma marru jfittxu lit-tfajla tieghu – haga li hadd mill-Pulizija ma jsemmi. Jew meta Dr. Mario Scerri jghid illi kien jippretendi li jekk omissis kienet qed tipprova tinheles u xi hadd kien qed izommha minn spallejha, xi daqsxejn *bruises* kien isibilha, u li kieku kien hemm penetrazzjoni aggressiva kien isib xi haga, izda minn dan kollu ma sabx ghajr il-*grip marks*. Dan kollu, pero`, ma jxejjinx l-ammissjoni inekwivoka ta’ l-appellant li “kellu x’jaqsam maghha”. Inoltre l-provi ga` msemmija juru bla dubju ta’ xejn illi dak li ghamel l-appellant ma kienx bir-rieda ta’ omissis. L-appellant pero` jsostni illi ma ntuzat ebda forma ta’ “vjolenza”.

F’dar-rigward l-ewwel Qorti rreferiet ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta’ Ottubru 2000 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. James Demanuele**. Din il-Qorti sejra wkoll tirreferi ghas-segwenti bran minn dik is-sentenza:

**“Issa, il-ligi taghna, in tema ta’ stupru, tirrikjedi li l-kongungiment karnali ikun sar <u>bil-vjolenza</u>. Tali vjolenza tista’ tkun fizika jew morali (jew, naturalment, it-tnejn flimkien). Il-ligi, pero`, ma tikkwantifikax din il-vjolenza, ossia il-grad ta’ vjolenza li trid tigi wzata biex wiehed jghid li kien hemm stupru. Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-kaz, u b’mod partikolari fuq l-eta` tas-suggett attiv u tas-suggett passiv, l-istat ta’ sahha u l-forzi taghhom, it-temperament jew karattru taghhom, kif ukoll fuq ic-cirkostanzi partikolari li jkun jinsab fihom is-suggett**

**passiv. Dak li hu necessarju hu li l-vjolenza tkun wahda <u>effettiva</u>, jigifieri li fil-kaz konkret ikun hemm, bejn il-vjolenza adoperata u l-kongungiment karnali, in-ness ta' kawza u effett, ta' mezz u fini. Fi kliem Majno: *'… vano e pericoloso sarebbe il tentativo di disciplinare l'intensita`, i caratteri, l'idoneita` dei mezzi medesimi, se essi sono affatto relative al soggetto attivo e passive del delitto. Secondo l'eta`, lo stato della salute e delle forze ed il temperamento della vittima, puo` avvenire che raggiungano l'intento dei mezzi che considerati in se` stessi, nella generalita` dei casi, dovrebbero ritenersi inefficaci; o che riescano frustranei mezzi ed apparati per se` stessi, nella generalita` dei casi, idonei. L'indagine caratteristica del delitto si riduce a questo, di determinare se <u>la congiunzione carnale sia avvenuta contro la volonta` della vittima, e non ostante quella resistenza che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare.</u> Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento delle circostanze del fatto che rientra nelle nozioni piu` ovvie della vita"* (op. cit., para. 1463, pp. 178, 179). Ghalhekk ma huwiex il-kaz, kif donnu qed jippretendi l-appellant, li biex ikun hemm l-istupru jrid ikun hemm, da parti tal-vittma, xi resistenza sa l-ahhar nifs, jew li l-istess vittma tant tkun irresistiet fizikament li tispicca mbengla minn rasha sa saqajha."**

Fil-kaz odjern l-ewwel Qorti osservat illi omissis kienet tfajla ta' erbatax-il sena, maghmula zghira, u li kienet fis-sakra. L-artikolu 201 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li l-istupru jitqies dejjem bhala vjolent **"… (b) meta l-persuna li fuqha jsir abbuz ma tkunx tista' tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh <u>jew ghal raguni ohra indipendenti mill-eghmil tal-hati</u> …."** Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, Landqvist kienet taht l-influwenza tax-xorb u "konsegwentement aktar fjakka fir-rezistenza taghha". Din certament kienet ir-raguni principali ghaliex Dr. Mario Scerri ma rriskontrax aktar feriti fuq l-imsemmija omissis, u cioe` li omissis ma kinitx f'kondizzjoni li toffri rezistenza qawwija. Izda, kif inghad fis-sentenza precitata, biex ikun hemm l-istupru mhuwiex necessarju li l-vittma tkun offriet

"**xi resistenza sa l-ahhar nifs, jew li l-istess vittma tant tkun irresistiet fizikament li tispicca mbengla minn rasha sa saqajha".** Fic-cirkostanzi rizultanti ghalhekk din il-Qorti hija sodisfatta illi jirrizulta l-element ta' vjolenza, anzi ghandu jitqies bhala prezunt a tenur ta' l-artikolu 201(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant jirreferi wkoll ghall-fatt li Landqvist diga` kellha esperjenzi sesswali qabel dan il-kaz. Fil-fatt dan tammettieh omissis stess li tghid li kellha tali esperjenzi mal-*boyfriend* taghha David Sciberras. Pero`, fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmelo Spiteri** deciz fl-20 ta' Marzu 1989 (Vol. LXXIII.v.1064) intqal hekk:

**"L-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali taghna gie modellat fuq l-artikolu 335 tal-Kodici Taljan imsemmi i.e. ta' l-1889 u dan l-artikolu gie dejjem ikkunsidrat bhala li jirrikjedi fost affarijiet ohra li l-att ta' libidini jkun effettivament ikkorrompa lill-minuri. Il-Codice Rocco biddel is-sitwazzjoni fl-Italja billi minn *'delitto di danno'* ghamel dan id-delitt wiehed *'di pericolo'* kif jispjega l-Manzini meta jghid *'a differenza del Codice del 1889 non si esige per la consumazione che il colpevole abbia effettivamente cagionato la corruzione del minore'*;**

**Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat kontemplat fl-artikolu 203 minhabba hajja ddedikata ghal-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficilment wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn dawn il-Qrati, izda hu cert ukoll li esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita` li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) *in re* Il-Pulizija vs George Portelli (2-2-1975) fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-teorija tal-Maino, 'mhux qed jinghad li l-persuna ga` parzjalment korrotta ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'"**

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi omissis kellha biss erbatax-il sena u kienet ghadha kemm kellha l-ewwel esperjenza sesswali taghha ma' guvni, cioe` ma' l-imsemmi David Sciberras. B'daqshekk zgur ma tikkwalifikax bhala minorenni li tant kienet korrotta li ma setghetx tigi korrotta aktar.

Kwantu ghall-piena, huwa minnu li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi. Izda, kif tajjeb osserva l-appellant, huwa ma giex addebitat b'aggravanti skond l-artikolu 202 tal-Kap. 9, u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 9 – applikabbli peress illi kellu sbatax-il sena meta wettaq ir-reati hawn in kwistjoni – il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew zewg gradi. Barra minn hekk l-ewwel Qorti ma applikatx l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha kwntu ghall-htija, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta' erba' snin u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal sentejn bit-tnaqqis ta' kull zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------